MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Numru. 460/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Gabriel Micallef**

**vs**

**Massimo Bonello**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Massimo Bonello bin George u Matilde nee' Zammit, mwieled il-Pieta' fit-22/11/1973 u residenti 107, Daisy Crt, Flat 6, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar jew St Helen Flat 2, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 522073(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-02/12/2008 ghall-habta ta' 08:30hrs fi Triq it-Trunciera, Qawra waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBY431 ;

(1) Saq l-imsemmija vettura minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta.
(2) Saq l-imsemmija vettura minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

(3) Saq l-imsemmija vettura bla kont.

(4) Saq l-imsemmija vettura bi traskuragni.

(5) Saq l-imsemmija vettura b' mod perikoluz.

(6) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Inna Abrevoka Atreptyeva kif gie ccertifikat minn Dr Agnes Cauchi M.D. (reg 2863).

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta' Gunju, 2012 (esebita a fol. 210 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2012, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li la l-parti civili u l-anqas id-Difiza ma prezentaw in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-2 ta' Dicembru 2008 fid-disa' neqsin kwart ta' fil-ghodu sar rapport[1] fl-Ghassa tal-Qawra li karozza tal-linja kienet laqtet mara fejn din sofriet griehi gravi[2]. L-incident sehh fi Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar. Il-karozza tal-linja li kellha n-numru ta' registrazzjoni DBY 431[3] u kienet misjuqa mill-imputat u cioe' Massimo Bonello. Huwa kien ghaddej bir-rotta tieghu fejn huwa sema' hoss u meta hareg mix-xarabank sabiex jara x'gara nduna li kien hemm mara quddiem il-karozza tal-linja. Din il-mara rrizulta li kienet Atrekyeva Abrekova mara ta' nazzjonalita' Ukrajna u din kienet qed issofri minn griehi gravi[4].
Meta xehedet Abrekova Atreptyeva waqt l-udjenza tat-8 t'Ottubru 2010 hija qalet li ghall-habta tat-8.30 ta' filghodu kienet sejra x-xoghol. Hija bdiet mixja l' isfel biex tilhaq il-karozza tal-linja halli tirkeb minn fuq l-stage. Hija kellha taqsam ghan-naha l-ohra tat-triq sekondarja minhabba li l-konfigurazzjoni tat-triq kienet tali li ma tkunx tista' tara l-karozzi gejjin. F'mument minnhom hija tghid li rat il-karozza tal-linja harset in-naha l-ohra tat-triq halli tkun tista' taqsam izda f'mument minnhom hasset daqqa u ma

---

[1] PS 1061 Justin Zammit ikkonferma r-rapport li huwa stess ghamel Dok JZ1 (a fol 30) rigward l-incident tat-2 ta' Dicembru 2008. Huwa kien nizel fuq il-post fejn ra lill-parte civile bid-demm u s-sewwieq ta' din il-karozza tal-linja kien l-imputat Massimo Bonello.

[2] Meta xehed Dr. Mario Scerri fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012 ikkonferma r-relazzjoni tieghu esebita a fol 53 fejn qal li kien ezamina lil parte civile ftit wara l-incident stradali gewwa Mater dei fl-istadju tal-inkjesta. Wara rega' ezamina lil parte civile fil-15 t'Ottubru minhabba inkarigu iehor fejn irrizulta li ghad kien hemm cikatrici fuq rasha minhabba blunt trauma. Huwa kompla jghid li fil-fatt l-istess parte civile bdiet issoffri minn accessjonijiet wara l-incident. Huwa kkonferma wkoll ir-relazzjoni tieghu li kien ghamel fl-istadju tal-inkjesta esebita fil-*Process Verbal* li jinsab a fol 10 liema rapport jinsab a fol 64.

[3] Meta xehed Brian Farrugia bhala rapprezentant ta' Transport Malta a fol 25 qal li din il-vettura tal-ghamla Bedford Dominant u kienet registrata f'isem Albert Sammut. Gie prezentat dokument dok BF1 a fol 26 li jirrigwardaw id-dettalji fuq din il-vettura.

[4] Dr. Agnes Cachia xehedet fit-18 ta' Frar 2011 fejn ikkonfermat ic-certifikat mediku li hija harget u li jinsab a fol 3. Hija qalet li meta l-parte civile dahlet gewwa Mater Dei kellha lacerazzjoni fil-qurriegha ta' rasha u li kienet qieghda taghmillha pressjoni fuq il-mohh. Il-griehi kienu gravi u li setghu jipperikolaw hajjitha. Meta dahlet gewwa l-isptar hija kienet mhux f'sensiha. Id-daqqa li hija kellha kienet kompatibbli ma' oggett *blunt.*

tafx x'gara aktar. Hija ittiehdet l-Isptar u nzammet ghall-kura ghal aktar minn sbatax-il gurnata. Hija kompliet tghid li wara dan l-incident hija bdiet issofri minn attakki ta' epilepsija[5]. Meta xehdet fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2011 hija esebiet sett ta' ritratti[6] u spjegat li kienet qasmet min-naha ghall-ohra ta' triq sekondarja u dak il-hin lemhet il-karozza tal-linja izda hija kienet ghadha taht il-bankina u cioe' fit-triq. Hija mmarkat fuq ritratt it-tragitt li ghamlet u l-punt ezatt fejn sar l-impatt fejn tajritha l-karozza tal-linja (ara ritratt numru 1 (dok IA 1) li jinsab a fol 139). Hija kompliet tghid (a fol 137) li meta xehdet quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali u cioe' Dr. Joe Mifsud lanqas biss kienet tiftakar x'intqal minhabba l-kundizzjoni li hija kienet tinsab fiha bhala konsegwenza tal-incident. Meta regghet xehedet il-parte civile Inna Said Abrekova Atreptyeva fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2013 qalet li l-post fejn sehh l-incident hija tafu sew. Tant li hija kienet se taqsam ghan-naha l-ohra tat-triq biex tirkeb il-karozza tal-linja. Hija qalet li ftit qabel l-incident kienet fuq in-naha tax-xellug. Meta kienet qieghda taqsam it-triq sekondarja semghet il-karozza tal-linja gejja izda dak il-hin hija ma kenitx qieghda taqsam it-triq principali. Hija kienet waslet fil-kantuniera ta' din it-triq sekondarja u dak il-hin harset biex tara jekk hux gejjin xi vetturi min-naha tal-pjazza. Meta ntlaqtet mill-karrozza tal-linja hija ma kinitx ghadha telghet il-bankina. Hija ma kinitx tiftakar x'kien gara wara. Hija kompliet tghid li taf li kien hemm zebra crossing fil-vicinanzi izda kienet ghadha l' boghod minnha. Hija kellha taqsam l-ewwel minn naha tat-triq sekondarja u wara riedet taqsam lejn it-triq principali halli tmur fuq l-istage ghal tal-linja.

Wilhelmina Schembri li xehdet waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru 2011 qalet li dakinhar tal-incident hija kienet passiggiera fuq il-karozza tal-linja misjuqa mill-imputat liema vettura kienet sejra mill-Qawra ghal Bugibba fid-direzzjoni lejn il-pjazza. Ix-xhud spjegat li hija kienet bilqieghda fuq in-naha ta' quddiem tal-linja. Hija qalet li rat

---

[5] Dr. Anthony Galea fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011 ikkonferma li kien ezamina lill-parte civile u minn ezami tal-MRI hareg li hija kellha hsara permanenti fuq il-parti tal-mohh li jikkagunaw attakki ta' epilepsija.

[6] Hija markat fuq diversi ritratti li hija esebit bil-marka X biex tindika l-impatt fejn sehh (ara dok IA1 a fol 139 et seq).

persuna fuq il-bankina u din nizlet il-bankina u harset l' isfel u qasmet. Hija kompliet tghid li din il-persuna bdiet thares l' isfel u dak il-hin semghet hoss kbir mal-karozza tal-linja. Hija kompliet tghid (a fol 149) li ma kienet qalet xejn lix-xufier ghaliex ma kinitx qieghda tipretendi li din il-persuna kienet ser taqbad u taqsam. Hija ziedet tghid li fejn kienet din il-persuna kien hemm *zebra crossing* ftit il' boghod izda din il-mara ma qasmitx minn fuqha.

Charmaine Catania xehdet fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 fejn qalet li kienet riekba fuq tal-linja u kienet sejra lejn il-Belt. Fil-mument tal-incident kienu sejrin lejn id-direzzjoni tal-Pjazza u minn *side street* harget mara b'rasha baxxuta u din minghajr ma harset qabdet u qasmet sabiex tmur faccata fejn kien hemm stage tal-linja. Dak il-hin il-karozza tal-linja kienet fit-triq principali u dak il-hin ix-xufier kien qieghed isuq b'mod galbuz.

Maria Pisani ir-rapprezentant tal-Ominibuspool li xehedet fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011 ikkonfermat li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet koperta b'polza ta assikurazzjoni. In kwantu jirrigwarda dok MP 1 u MP 2[7] hijia qalet li huma kienu johorgu dokument wiehed ghall-vetturi kollha minflok jinhareg wiehed ghal kull vettura.

L-imputat Massimo Bonello ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2013. Huwa qal li dakinhar tal-incident kien fuq ir-rotta 49 bhala xufier tal-karozza tal-linja. Huwa kien niezel fid-direzzjoni tal-pjazza ta' Bugibba u kien miexi normali meta sema' hoss qawwi mal-vettura tieghu. Huwa qal li ra mara tigri biex tmur faccata fejn hemm stage ghad-direzzjoni lejn tas-Sliema u din baqghet diehla fil-genb tal-vettura tieghu u ma kienx hu li dahal fuqha. Huwa kompla jzid li fil-fatt ftit l' isfel hemm zebra crossing izda l-mara ma pruvatx taqsam miz-zebra crossing. Huwa spjega fil-fatt anki fir-ritratt esebit a fol 139 hemm indikazzjoni cara li kien hemm zebra crossing. L-imputat kompla jghid li kien gie avvicinat mir-ragel tal-mara li kienet involuta fl-incident fejn gie ofrut somma flus sabiex jammetti t-tort. In kontro-ezami huwa kkonferma li ghalkemm qal li l-mara giet tigri huwa ma kienx raha taqsam qabel ma sema' l-hoss fuq il-vettura.

[7] Dok MP2 jindika li l-vettura kienet koperta b'polza t'assigurazzjoni waqt li fix-xhieda ta' Brian Farrugia kkonferma li fil-fatt l-istess vettura involuta fl-accident kienet koperta wkoll bl-licenzja.

Huwa zied jghid li d-daqqa fix-xarabank kienet mal-genb u cioe’ bejn il-faccata u l-istaffa tal-vettura.
Maria Louise Pearson li xehedet fl-udjenza tat-3 ta’ Mejju 2013 qalet li hija kienet passiggiera fuq il-vettura misjuqa mill-imputat dakinhar tal-incident. Hija kompliet tghid li ma kienet rat xejn mill-accident izda semghet hoss u rat lix-xufier jinzel minn gewwa l-vettura fejn kien hemm mara fl-art u huwa beda’ jcempel ghall-ghajnuna mill-ewwel. Hija qalet li l-imputat ma kienx qieghed isuq b’velocita’ izda b’mod normali.
Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta’ Gunju, 2012 l-Avukat Generali ndika li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak lli hemm mahsub fl-Artikoli 15(1)(a(, (2)u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.
a) L-akkuzi taht l-Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali.
Illi minn ezami tal-P*rocess Verbal* inserit a fol. 10 tal-atti processwali jirrizulta li meta l-imputat ta l-licenzja tas-sewqan tieghu lill-espert legali Dr. Joe Mifsud gie kkonstatat li din il-licenzja kienet skaduta (ara Dok MB2[8] a fol 49 tal-Process Verbal). Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess imputat kien qieghed isuq l-istess vettura fiz-zmien tal-incident b’licenzja tas-sewqan skaduta peress li din fil-fatt kienet skadiet fit-22 ta’ Novembru 2008. Illi ghalhekk tirrizulta r-rejita taht l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi in kwantu jirrigwarda sewqan perikoluz u traskurat u l-akkuza li minhabba tali sewqan u minhabba nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku l-imputat ikkaguna feriti ta’ natura gavi lil Inna Abrevoka Atreptyeva din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-incident awtomobilistiku de quo gie kagunat minhabba xi sewqan perikoluz jew traskurat da parti tal-imputat jew minhabba xi nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz anzi jindika li l-incident sehh unikament minhabba traskuragni min-naha tal-

[8] Dan tenut kont dak li jghid l-artikolu 550 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

pedestrian/parti civili meta hija qasmet it-triq. Ili x-xhieda okulari u ndipendenti migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz lkoll jindikaw li l-imputat kien qed isuq b'velocita' normali u b'mod galbat u li l-parti civili qabdet u qasmet it-triq b'rasha baxxuta Maria Louise Pearson fil-fatt qalet li l-imputat kien ghaddej bi tletin kilometru fis-siegha u Charmaine Catania qalet li l-imputat kien qieghed isuq b'mod galbat u li hija rat lil *parte civile* tohrog minn *side street* b'rasha baxxuta u minghajr ma harset qabdet u qasmet it-triq sabiex tmur faccata fejn kien hemm stage tal-linja. Wilhelima Schembri li wkoll kienet passiggiera fuq ix-arabank qalet li rat persuna thares 'l isfel tinzel il-bankina u taqsam. L-istess *parte civile* qalet li hija bdiet taqsam minn naha l-ohra ta' triq sekondarja u kienet ghadha ma waslitx sabiex titla l-bankina tan-naha l-ohra tat-triq meta semghet il-karozza tal-linja gejja izda hija qalet li harset l'isfel u wara ma tafx x'gara. Irid ukoll jigi rilevat li fl-istess triq fejn sehh l-incident hemm iz-zebra crossing u l-parti civili ghalhekk setghat facilment tuzah sabiex taqsam it-triq minghajr perikolu.

Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fejn gie stabbiit li l-pedestrian bhas-sewwieq u bhala utent tat-triq ghandu certu obbligi meta jkun qed jaqsam it-triq, liema obbligi wkoll jinkludu dak li jzomm a proper lookout u jevita l-perikoli bla bzonn qabel ma jaqsam it-triq. F'sentenza moghtija fil-21 ta' Gunju, 1995 fil-kawza George Micallef pro et noe vs Gordon Camenzuli il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ghall-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code u sahqet illi meta pedestrian ikun qed jaqsam it-triq, fejn ikun hemm, ghandu dejjem juza s-subway jew zebra crossing u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Qalet ukoll illi qabel jaqsam il-pedestrian ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug, u jerga' lejn il-lemin u jaqsam biss meta fit-triq ma jkunx hemm karozzi (ara wkoll Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni Appell deciz fil-11 ta' Marzu, 1998).

Fil-kawza Il-Pulizija vs Caruana (XXXIX p IV pagna 1031) il-Qorti qalet, "*Il pedestrian ghandu certament id-drittijiet*

*fic-cirkostanzi tat-traffiku imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ipoggi ruhu f'post fejn mhux suppost ikun (bhal roundabouts) u d-driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta'emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi illi jista' illi jista jsofri dak ilpedestrian f'din il-kontingenza."*

*"Although it is the duty of a driver of a motor car to exercise every care to avoid pedestrians, it is yet incumbent on pedestrians to refrain from obstructing unduly the transit of vehicles"* Police vs Aldridge (XL part IV page 1013).

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza"* – "**Il-Pulizija – vs – Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 **(Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031);**

*"Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing"* – *"**Il-Pulizija-vs-Joseph** **Formosa**"*, Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 **(Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027);"**
F'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn il-pedestrian johloq emergenza subitanea lis-sewwieq u cioe' "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat" (App. Kriminali: "Il-Pulizija vs. J. Thornton " Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-

karozza.” (App. Kriminali “Il-Pulizija vs. Cassar Desain” Vol. XLVI. P.IV. p765).

Fil-kaz odjern il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza unika tas-sinistru kien il-mod inkonsult u traskurat ghall-ahhar li bih qasmet it-triq il-pedestrian u li ma kien hemm xejn fis-sewqan tal-imputat li jista’ jigi ritenut li kkontribwixxa ghall-akkadut. Fil-kaz odjern il-pedestrian bl-imprudenza taghha krejat lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat. (ara Appell Kriminali ; “Il-Pulizija vs. J. Formosa”, Vol. XLIII. P. IV p. 1023).

L-akkuza taht l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta

L-artikolu 3 tal-Kap 104 jghid b’mod car li

**3.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, ħadd ma jista’ juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza.

Illi mill-assjem tal-provi hareg li l-vettura misjuqa mill-imputat dakinhar tal-incident kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni u li l-istess vettura kienet licenzjata f’isem Albert Sammut bhala propjetarju u kellha kemm il-licenzja tal-vettura mhallsa kif ukoll polza ta’ assikurazzjoni (ara dok MP2 a fol 52). Illi jsegwi li l-imputat ma jistghax jinsab hati tat-tieni mputazzjon migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat in-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Gunju, 2012 u senjatament l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ mija u hamsin Ewro (€150) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint(8) ijiem millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-

imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------